**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.**

Seduta tas-7 ta' Jannar 2016

Appell Nru: 538/2014

Il-Pulizja

Spettur Edel Mary Camilleri

Vs

Anna Debono

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Anna Debono, detentrici tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 302552M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli: 1) fid-9 ta' Awwissu, 2011, u fix-xhur ta' wara fl-istess sena, f'Malta u bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, impjegat jew tat xoghol lil persuna li ma kienx/kienitx persuna ezenti u li ma kelliex licenzja moghtija lilha ghal dak l-impjieg jew xoghol skond id-disposizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta; 2) kif ukoll talli taht l-istess cirkostanzi, bhala persuna responsabbli li kien qed isir f'Malta, impjegat persuna li ma kienitx cittadin ta' Malta meta din il-persuna ma kellhiex permess validu u ufficjali u 3) U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal jew persuna li timpjega persuni ohra, full time, part time

jew xort'ohra b'kuntratt definit jew indefinit jew bi prova, naqset li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-xoghol u tahrig b'dan l-impjieg hekk kif hemm stabbilit fl-Avviz Legali 110 tas-sena 1993 (3a sa 10).

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' Dicembru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 32(1)(b) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolamenti 3, 4, 7 u 10 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 343.23 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u kkundannata thallas multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1500).

Rat ir-rikors tal-appellanti Anna Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-24 ta' Dicembru, 2014, fejn talbet lil din il-Qorti tirrevoka is-sentenza appellata in kwantu sabitha hatja tal-akkuza kif migjuba kontriha u konsegwentement tilliberaha minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din il-Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti titlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju tal-appellanti hu li l-persuna barranija li kienet intercettata tahdem bla permess Malta kienet intercettata waqt li kienet fl-impjieg ma' terzi. Mill-provi jemergi illi certu Lihi Ziv, persuna ta' nazzjonalita' barranija li bhala tali kien jehtigilha permess mill-awtoritajijet biex tahdem Malta, kienet arrestata fil-kors tax-xoghol taghha mal-kumpanija Supreme Travel. Waqt l-investigazzjoni mill-Pulizija, Ziv iddecidiet li tikkollabora bi shih u ddikjarat illi precedentement kienet tahdem

mal-kumpanija Liberty International Malta Ltd. L-appellanta tilmenta illi fl-ewwel lok hi mhix direttur tal-Kumpanija Liberty International Malta Ltd u fit-tieni lok kienet qed tahdem ghal terzi waqt l-arrest taghha. Dan l-aggravju izda huwa wiehed frivolu u qed ikun michud. Kif tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha, l-art 13 tal-Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car in rigward meta jghid illi *meta xi reat.... isir minn korp jew ghaqda ta' persuni....., kull persuna li fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficcjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f'dik il-kariga, tkun hatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-tgharif taghha u li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat*. Inoltre, il-prosekuzzjoni kienet fil-liberta' li tressaq lill-appellanta dwar reat precedenti allegatament kommess minnha waqt li Lihi Ziv kienet fl-impjieg taghha u mhux biss lill-ahhar persuna li maghha inqabdet tahdem;

Fit-tieni aggravju taghha l-appellanti tilmenta mill-fatt illi hi mhix direttur fil-kumpanija Liberty International Malta Ltd u li bhala persuna fl-impjieg tal-istess socjeta' ma kellhiex il-funzjoni li tghazel u timpjega haddiema izda kienet semplicement persuna li tiehu hsieb l-ufficcju. Ezaminati l-provi in rigward jemergi b'mod palezi illi Lihl Ziv kienet impjegata mas-socjeta' Liberty International Malta Limited fiz-zmien minnha indikat. Il-verzjoni taghha dwar kif kienet impjegata u kif kienet tithallas izda jikkontrasta ma dik tal-appellanta u dan huwa krucjali ghal ezitu ta' akkuza bhal dik odjerna fejn l-oneru tal-prova jaqa' fuq l-akkuzat biex jipprova li *r-reat ikun sar minghajr it-tgharif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat* (ara art 13 Kap 249 citat *supra*). Zif xehedet illi kienet tithallas fi flus kontanti u meta intbghatet Malta minn kumpanija fl-Izrael ma kienitx taf kemm kienet ser tkun ir-rimunerazzjoni taghha izda kollega taghha infurmataha li kienet qed tithallas bir-rata ta' €600 fix-xahar. Xehedet ukoll illi l-kundizzjonijiet tax-xoghol kienet iddiskutiethom mal-appellanta. Jemergi ukoll illi meta Ziv korriet waqt incident ta' traffiku gewwa Ghawdex, kienet l-appellanta li hadet hsieb ghal dak kollu li kien jehtigilha kompriza l-ittra ta' referenza li ticcertifika li kienet hadmet mas-socjeta' Liberty International Malta Limited u d-dmirijiet taghha qdiethom

b'dedikazzjoni. Fix-xhieda taghha l-appellanta qalet li tiehu hsieb l-operat tal-kumpanija ghal dawn l-ahhar 14-il sena u l-problemi tal-impjegati dejjem iduru ghandha izda cahdet li qatt tatha salarju u li kien l-*accountant* tal-kumpanija li kien jaghmel dan. Id-decizjoni dwar salarji kienet tittiehed mid-diretturi u l-financial controller. L-Ewwel Qorti ikkonkludiet hekk dwar dan: "*Irrizulta wkoll li l-ftehim dwar il-kundizzjonijiet tax-xoghol sar ma' Anna Debono – tant huwa hekk li l-ittra tar-referenza saret mill-imputata u fix-xhieda taghha kkonfermat li hija tkellmet ma' Lihi Ziv.*" Fil-kunsiderazzjonijiet taghha jidher li l-Ewwel Qorti certament gharblet il-provi kollha u meta din il-Qorti tqis illi l-istess appellanta ddikjarata illi din kienet operazzjoni gdida u lanqas huma, prezumibilment s-socjeta estera fl-Israel, ma kienu jafu x'ser jghamlu, allura ma tistghax ma tahsibx li fil-fatt kienet verament fil-kontroll tas-sitwazzjoni. B'hekk ma jistghax jinghad illi l-appellanta pruvat illi ma kienitx taf li r-reat sar minghajr it-tgharif taghha u li ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tieghu;

It-tielet, r-raba u l-hames aggravji lkoll jirtrattaw dwar l-apprezament tal-provi u din il-Qorti jidrilha illi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha bil-provi migjuba quddiemha.

Kwantu ghas-sitt u l-ahhar aggravju, il-piena kominata mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi u hija aktar vicin il-minimu u ghalhekk din il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha b'xi mod tvarja l-piena ergoata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed ikun michud u s-sentenza appellata qed tkun konfermata fl-intier taghha.